TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 394/08

**Marthese Romano**

**vs**

**Anthony Briffa eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem The Bathline**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Novembru, 2008 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, tliet mija u tletin ewro (€2,330), rappreżentanti prezz ta' madum li ttebba' malajr u li d-difetti baqgħu jiżdiedu maż-żmien.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat madum mingħand is-soċjeta' intimata, li huwa magħruf ta' kwalita' tajba u maż-żmien dan il-madum beda jittebba'.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li l-madum huwa ta' kwalita' tajba u dak li qed jiġri mhuwiex tort tas-soċjeta' intimata.

Minħabba n-natura teknika, t-Tribunal qabbad espert tekniku li huwa l-Perit Vincent Ciliberti fejn ikkonkluda s-segwenti:

L-espert tekniku kkonkluda li ma kien qed jara l-ebda tbajja fil-madum u anke jekk kien hemm xi tixlif, dan ma jistax jiġi attribwit mill-intimat minħabba l-fatt illi ma poġġiehx hu, pero' skond l-espert tekniku deher ċar illi l-madum kellu tonalitajiet varji, bl-ilwien varji u evidenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li għalkemm l-intimat issottometta li dan kien normali, mhijiex aċċettabli li jkollok tonalitajiet differenti fil-madum li jkun inxtara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**